V

*(Avviżi)*

## PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba’ Awla) tat-23 ta’ Ottubru 2014 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof – il-Ġermanja) – Alexandra Schulz vs Technische Werke Schussental GmbH und Co.KG u Josef Egbringhoff vs Stadtwerke Ahaus GmbH**

**(Kawżi magħquda C-359/11 u C-400/11)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Direttivi 2003/54/KE u 2003/55/KE — Protezzjoni tal-konsumaturi — Suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tiddetermina l-kontenut tal-kuntratti magħmula mal-konsumaturi li jirriżultaw mill-obbligu ġenerali ta’ provvista — Tibdila unilaterali mill-bejjiegħ tal-prezz tas-servizz — Informazzjoni, fi żmien xieraq qabel id-dħul fis-seħħ ta’ din it-tibdila, tar-raġunijiet, tal-kundizzjonijiet u tal-portata ta’ din)***

(2014/C 439/02)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Alexandra Schulz u Josef Egbringhoff

*Konvenuti:* Technische Werke Schussental GmbH und Co.KG u Stadtwerke Ahaus GmbH

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2003/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2003, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li tħassar id-Direttiva 96/92/KE, moqri flimkien mal-Anness A ta’ din, u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta’ Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE, moqri flimkien mal-Anness A ta’ din, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tiddetermina l-kontenut tal-kuntratti tal-provvista tal-elettriku u tal-gass magħmula mal-konsumaturi li jirriżultaw mill-obbligu ġenerali ta’ provvista u li jipprovdu l-possibbiltà ta’ bidla fit-tariffa ta’ din il-provvista, iżda li ma jiggarantixxux li l-konsumaturi jkunu informati fi żmien xieraq qabel id-dħul fis-seħħ ta’ din it-tibdila, tar-raġunijiet, tal-kundizzjonijiet u tal-portata ta’ din.*

[1] ĠU C 311, 22.10.2011.